MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-8 ta’ Mejju, 2024

Appell Inferjuri Numru 56/2023 LM

**Ray Kumar Gurung (Detentur tal-Passaport Nepaliż Numru 08274100)**
*(‘l-appellant’)*

***vs.***

**Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**
*(‘l-appellat’)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Ray Kumar Gurung (Detentur tal-Passaport Nepaliż Numru 08274100)** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellant’], mid-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni [minn issa ’l quddiem ‘il- Bord’] fl-4 ta’ Mejju, 2023, fejn il-Bord ċaħad l-appell tar-rikorrent

u b'hekk ikkonferma d-deċiżjoni tal-intimat **Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni** [hawnhekk 'l-appellat'] tat-12 ta' Settembru, 2022.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrent kien intavola applikazzjoni *still abroad* bil-ħsieb li jingħata l-permess ta' residenza mill-Aġenzija Identity Malta sabiex ikun jista' jaħdem mal- kumpannija Maltija JTI Limited. Wara li l-Aġenzija Identity Malta għamlet l-eżerċizzju ta' diliġenza dovuta, inħarġet *approval in principle letter* fir-rigward tar-rikorrent, u li abbażi tiegħu nħarġiltu wkoll *visa* sabiex ikun jista' jivvjaġġa lejn Malta. Ir-rikorrent spjega li huwa daħal Malta fis-6 t'Awwissu, 2022 permezz ta' din il-*visa,* u mal-wasla tiegħu f'Malta huwa ġabar id-dokumentazzjoni meħtieġa sabiex ikun jista' jipproċedi bit-tieni parti tal-applikazzjoni tiegħu, bil-ħsieb li finalment huwa jingħata l-permess ta' residenza. Qal li mal-wasla tiegħu f'Malta huwa għamel appuntament mal-Aġenzija Identity Malta għad-19 ta' Settembru, 2022, sabiex ikun jista' jiffinalizza l-proċeduri in konnessjoni mal-applikazzjoni għall-permess ta' residenza. Spjega wkoll li fit-12 ta' Settembru, 2022, inħarġet ordni ta' ritorn u ordni ta' tkeċċija, kif ukoll *entry ban* fil-konfront tiegħu [hawnhekk 'id-deċiżjonijiet tal-appellat'], li żammewh milli jkun jista' jidħol lura f'Malta għal tliet snin mid-data tal-ħruġ tagħhom.

3. L-appellat Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni wieġeb li fit-12 ta' Settembru, 2022, rappreżentanti tal-Aġenzija JobsPlus għamlu spezzjoni ġewwa San Ġiljan u sabu raġel ta' nazzjonalità Nepaliża jaħdem bħala *delivery driver* mingħajr ma kellu d-dokumentazzjoni meħtieġa. Qal li l-persuna in

kwistjoni kien ir-rikorrent, li kien qiegħed jaħdem bħala *driver* mal-BOLT, bi profil tal-BOLT ta' terz li għandu permess ta' residenza validu. L-intimat qal li meta ġie mistoqsi, ir-rikorrent spjega li huwa sar jaf b'Malta mingħand dan l-individu, ċertu Prashant Chhetri, li kien ukoll għamillu l-arranġamenti neċessarji sabiex seta' jivvjaġġa lejn Malta. L-intimat qal ukoll li r-rikorrent kien ingħata *approval in principle* sabiex ikun jista' jaħdem mal-kumpannija JTI Limited, u mhux biex jaħdem bħala *delivery driver.* Qal ukoll li r-rikorrent kien spjega li huwa kien ilu jumejn jaħdem ma' Chhetri, u kien qiegħed jirċievi ordnijiet tal-ikel fuq it-telefon personali tiegħu, fejn kellu l-applikazzjoni tal-BOLT installata. Qal li inħarġet Ordni ta' Ritorn fil-konfront tar-rikorrent għaliex huwa kien qiegħed f'Malta mingħajr il-permess tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, naqas milli juri li huwa għandu l-mezzi biex sakemm idum f'Malta huwa jkun jista' jsostni lilu nnifsu, u kiser id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni. Qal ukoll li l-ordni ta' ritorn kienet segwita minn ordni ta' tneħħija għaliex it-talba li saret lir-rikorrent sabiex jitlaq minn pajjiżna b'mod volontarju, ma ġietx segwita.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-4 ta' Mejju, 2023, il-Bord ċaħad l-appell tar-rikorrent wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"The Board observes that this is an appeal from a Return decision accompanied by a removal order issued to appellant Ray Kumar Gurung on the 12th of September, 2022. It is also an appeal from an entry ban valid for a period of three (3) years from date of issue which entry ban was also issued on the 12th of September, 2022.*
>
> *Various board sittings were held, witnesses were summoned to testify and*

*documented evidence was also produced. Submissions were made by both parties and the Immigration Appeals Board was directed to proceed to give judgment.*

*During the last sitting the Immigration Appeals Board was authorised to proceed to give judgment.*

***Return decision dated 12th of September, 2022 was issued on the following grounds:***

- *You landed or are in Malta without leave from the Principal Immigration Officer;*
- *You contravened the provisions of the Immigration Act or any of the regulations made thereunder;*
- *You did not comply or ceased to comply with any of the conditions, including an implied condition, under which you were granted leave to land or to land and remain in Malta or was granted a residence permit;*
- *The circumstances which determined the granting of leave to land or to land and remain in Malta or the extension of such leave or the granting of a residence permit ceased to exist;*

***<u>Facts of the case</u>***

*Appellant arrived in Malta on the 6th of August, 2022 after successfully obtaining visa to travel to Malta for work purposes. Appellant was working with JTI Limited as machine operator. Inspector in charge of this appeal confirmed that appellant was issued with a single permit which at the time of inspection was valid but with different employer was indicted on the residence card, being JTI Limited.*

*On the 12th of September, 2022 an inspection was held by JobsPlus and appellant was found to be operating a BOLT motorcycle without being authorised to carry out this job. It also resulted that BOLT motorcycle and profile belonged to a third party, whom later the appellant stated that it was this third party which employed him to carry out this other job besides his primary job. Appellant was not registered to carry out any other job besides the primary job for which he was permitted to carry out, not unless he was authorised to do so. Various photos taken on the day of the inspection were presented to the Immigration Appeals Board corroborating the fact that appellant was caught carrying out another job besides his primary job.*

*Appellant's single permit was revoked on the day of the return decision and removal order were issued.*

***Applicable law***

*Article 5(1) of Chapter 217 of the Laws of Malta states that,* "any person, other than one having the right of entry, or of entry and residence, or of movement or transit under the preceding Parts, may be refused entry, and **if he lands or is in Malta without leave from the Principal Immigration Officer, he shall be a prohibited immigrant."**

*Article 5(2)(a) then goes on to say,* "if he is unable to show that he has the means of supporting himself and his dependants (if any) or if he and any of his dependants is likely to become a charge on the public funds."

*(b) if he is suffering from mental disorder or is a mental defective; or*

*(c) if, having landed in Malta pursuant to or under any regulation made under Article 44 and/or 50 of the provisions of the Prevention of Disease Ordinance, he is still in Malta after the lapse of the period of 15 days from the day on which the Superintendent of Public Health certifies in writing that the stay of such person in Malta is no longer required under and for the purpose of such regulation; or*

*(d) if he is found guilty by a court of Criminal Jurisdiction in Malta of an offence against any of the provisions of the White Slave Traffic (Suppression) Ordinance or of the Dangerous Drugs Ordinance or of a crime, other than involuntary homicide or involuntary bodily harm, which, in the case of a first crime committed by such person, is punishable with imprisonment for a term of not less than one year, or in the case of a second or subsequent crime committed by such person, is punishable with imprisonment for a term not less than three months; or*

***(e) if he contravenes any of the provisions of this Act or of any regulations made thereunder; or***

***(f) if he does not comply or ceases to comply with any of the conditions, including an implied condition, under which he was granted leave to land or to land and remain in Malta or was granted a residence permit; or***

***(g) if any circumstance which determined the granting of leave to land or to land and remain in Malta or the extension of such leave or the granting of a residence permit ceases to exist****; or*

*(h) if such person is a prostitute; or*

*(i) If he is dependant on a person who is a prohibited immigrant under any of the provisions of this sub-article.*

*Considerations*

*From evidence produced the Immigration Appeals Board notes that the Principal Immigration Officer provided sufficient evidence, corroborated not only by photos taken, but also by evidence given. On the day the return decision and removal order were issued, appellant was caught working without the necessary permit or authorisation from the regulator.*

***Decide***

*Reference to the considerations above, the Immigration Appeals Board rejects appeal and finds that when the return decision and removal order were issued, appellant contravened the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta, article 5* et sequitur*.*

*Return decision, removal order and entry ban are being confirmed."*

## L-Appell

5. Fir-rikors tal-appell imressaq fit-12 ta' Mejju, 2023, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti jogħġobha tilqa' l-aggravji mressqa minnu fir-rikors tal-appell tiegħu billi tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni ta' ritorn, l-ordni ta' tkeċċija u l-*entry ban* maħruġa mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni tat-12 ta' Settembru, 2022, u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni tal-4 ta' Mejju, 2023, sabiex ir-rikorrent, hawn appellant, ikun jista' jintavola applikazzjoni ġdida għall-permess ta' residenza ġewwa Malta. L-appellant spjega li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Bord, u huwa għalhekk li qiegħed iressaq dan l-appell *ai termini* tal-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant qal li huwa ta l-i*statement* tiegħu qabel ma ngħata l-*caution,* u mingħajr ma kien mgħarraf bid-dritt li tul l-*istatement* seta' jkollu avukat preżenti, u għalhekk dan għandu jiġi sfilzat mill-

atti. Qal li għandu jiġi sfilzat ukoll l-i*statement* mogħti minn Prashant Chhetri lill-Pulizija fil-15 ta' Frar, 2022, jiġifieri qabel ħarġu d-deċiżjonijiet li qegħdin jiġu appellati. Qal ukoll li fid-data ta' dan l-i*statement,* kienet għadha lanqas biss inħarġet l-*approval in principle letter* fil-konfront tiegħu. L-appellant qal li kien jinkombi fuq l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni li jressaq biżżejjed evidenza u provi li huwa kiser il-kundizzjonijiet tas-sub-artikolu 5(2)(e) u (f) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal li minflok provi konkreti, l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq għadd ta' suppożizzjonijiet. Kompla jgħid li huwa prinċipju stabbilit li min jallega jrid jipprova, u fil-każ odjern il-Bord kellu jasal għal deċiżjoni abbażi tal-provi prodotti quddiemu, u kellu jkun moralment sodisfatt li l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ssodisfa l-oneru tal-prova kollu. Qal li fil-każ odjern l-Uffiċjal appellat naqas milli jipprova li l-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom inħarġet il-*visa,* ġew miksura.

8. Permezz tat-tielet aggravju mressaq minnu, l-appellant qal li huwa tal-fehma li qabel inħarġu d-deċiżjoni ta' ritorn, l-ordni ta' tneħħija u l-*entry ban* fil-konfront tiegħu, kellu jiġi osservat il-prinċipju ta' ġustizzja naturali *audi alteram partem.* Qal li huwa ma ngħatax ċans iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu qabel ittieħdu dawn id-deċiżjonijiet mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni. Kompla jgħid li l-appellat naqas milli jivverifika s-suppożizzjonijiet tiegħu mal-appellant, meta l-appellant kien il-parti vulnerabbli li seta' jintlaqat ħażin b'dawn id-deċiżjonijiet. Qal li kien biss wara li huwa nżamm f'ċentru tad-detenzjoni li ngħata d-dritt ta' avukat, u f'dawn iċ-ċirkostanzi l-appellat kellu qabel jagħti deċiżjoni tiegħu, jagħmel minn kollox sabiex jisma' l-verżjoni tiegħu, kif ukoll tal-prinċipal li kien ser iħaddmu miegħu. Qal li b'dawn id-deċiżjonijiet huwa ser

jispiċċa f'sitwazzjoni żvantaġġata ħafna għaliex ser ikollu jitlaq minn Malta, u ma jkunx jista' jirritorna qabel tliet snin oħra. L-appellant qal li l-Aġenzija Identity Malta ma messhiex qagħdet fuq dak li qalilha l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni u tirrifjuta l-applikazzjoni tiegħu għall-permess ta' residenza, u l-applikazzjoni tiegħu ġiet rifjutata wara li l-appellat ta struzzjonijiet ċari lill-Aġenzija Identity Malta biex tagħmel dan.

9. Permezz tar-raba' aggravju tiegħu, l-appellant qal li l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni naqas milli jagħmel interpretazzjoni korretta tal-prinċipji ta' raġonevolezza u ta' proporzjonalità, u tal-element umanitarju. Qal li d-deċiżjonijiet tal-appellat mhumiex proporzjonati meta wieħed jikkunsidra l-fattispeċi ta' dan il-każ. Qal li sabiex ħarġet l-*approval in principle letter* mill-Aġenzija Identity Malta, huwa kien għadda minn skrutinju, fejn l-applikazzjoni tiegħu ntbagħtet lil diversi *stakeholders* fosthom lill-Pulizija u lil Jobsplus, li min-naħa tagħhom ivverifikaw li l-persuna hija ta' kondotta tajba, u li xogħolha verament hawn bżonnu f'Malta. Qal li kieku huwa ma kienx jissodisfa xi wieħed mill-kriterji sabiex ikun jista' jidħol f'Malta, żgur li la l-*approval in principle letter* u lanqas il-*visa* ma kienu jinħarġu. Kompla jgħid li huwa qiegħed Malta abbażi ta' *visa* valida li nħarġitlu, u huwa qatt ma kellu jiġi kkastigat bid-deċiżjonijiet hawnhekk appellati. Żied jgħid li huwa ġie Malta bit-tama ta' ħajja aħjar, u sabiex jibni ħajja ġdida fejn isib impjieg li jogħġbu, u bis-saħħa tiegħu jkun jista' jgħajjex il-familjari tiegħu. L-appellant qal li jekk l-appellat kien tal-fehma li huwa kiser xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-Kap. 217, hemm metodi oħra li l-appellat seta' jirrikorri għalihom, fosthom *infringement notice* sabiex l-appellant ikun jista' jirregolarizza ruħhu, u mhux jikkastiga lill-appellant b'*removal decision,*

*return decision* u *entry ban* għal tliet snin. Żied jgħid li l-awtoritajiet għandhom ikunu konsiderevoli fid-deċiżjonijiet tagħhom, u dan fid-dawl tal-fatt li hawnhekk qegħdin nitkellmu fuq nies vulnerabbli, li ġejjin minn pajjiżi terzi, u l-għan tagħhom huwa li jsibu ħajja aħjar f'Malta.

10. L-appellat ma ressaq l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal-appellant, imma l-partijiet kellhom iċ-ċans li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom quddiem din il-Qorti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

11. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għamel il-Bord fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat. Imma qabel xejn l-Qorti sejra tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjoni mressqa mill-appellat waqt it-trattazzjoni quddiemha, fejn ingħad li dan l-appell mhuwiex ammissibbli *ai termini* tal-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellat qal li appell minn deċiżjoni ta' ritorn fil-konfront ta' persuni li ma jkunux ġew Malta b'mod legali, mhuwiex permissibbli. Il-Qorti tqis almenu sakemm ikun hemm eżitu finali għal dan l-appell, l-appellant għandu jitqies li qiegħed Malta u li wasal Malta b'mod legali. Fil-fatt id-deċiżjoni ta' ritorn u l-ordnijiet l-oħra li ngħataw fil-konfront tal-appellant, ma ngħatawx għaliex huwa wasal Malta b'mod illeċitu, iżda minħabba f'dak li ġara wara l-wasla tiegħu f'Malta. Għaldaqstant il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant.

*L-Ewwel Aggravju*

12. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li l-Bord applika b'mod żbaljat d-disposizzjonijiet tal-artikolu 5(1) u 5(2) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, u qal li l-Bord kellu jiddeċiedi jekk għandux jitqies li huwa immigrant ipprojbit għaliex ma kienx awtorizzat jidħol f'Malta, jew inkella jekk kienx hemm ksur ta' xi waħda mill-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom huwa kien awtorizzat jidħol f'Malta. L-appellant qal li huwa wasal f'Malta b'mod regolari wara li nħarġitlu *approval in principle letter,* u vvjaġġa lejn Malta permezz ta' *visa* li wkoll inħarġet b'mod regolari. Qal li fil-każ odjern l-appellat naqas milli jispjega liema kundizzjonijiet imposti fuqu ġew miksura minnu, kif ukoll ma nġabet l-ebda prova li huwa mhux veru ħadem ma' JTI Limited.

13. Il-Qorti tirrileva li filwaqt li huwa minnu li l-appellant kellu d-dokumentazzjoni meħtieġa sabiex seta' jiġi Malta, u mal-wasla tiegħu hawnhekk seta' jibda jirregolarizza l-qagħda tiegħu billi japplika għal permess ta' residenza u xogħol, fl-istess waqt jirriżulta li kien hemm diversi kundizzjonijiet marbuta mal-imsemmi permess, li l-appellant naqas milli josserva. Għandu jiġi ppuntwalizzat illi l-permess li kellu l-appellant kien jippermettilu biss jidħol f'Malta, u l-permess ta' xogħol li nħareġ f'ismu, kien biss sabiex huwa seta' jaħdem mal-kumpannija JTI Limited. Barra minn hekk l-eżerċizzju ta' diliġenza dovuta li sar qabel inħarġu l-permessi meħtieġa sabiex l-appellant seta' jivvjaġġa lejn Malta, kienu marbuta max-xogħol li l-appellant kellu jagħmel mal-kumpannija JTI Limited, u l-appellant ma kellux permess jagħmel l-ebda xogħol ieħor. Id-deċiżjonijiet li ħa l-appellat fil-konfront tal-

appellant, ittieħdu għaliex l-appellant inqabad isuq mutur tal-kumpannija BOLT u jagħmel kunsinni ta' ikel permezz tal-pjattaforma ta' din il-kumpannija, meta ma kellux permess jagħmel dan, u agħar minn hekk, kien qiegħed jaħdem b'permess maħruġ lil ħaddieħor. Fil-fehma tal-Qorti dan jindika li l-appellant kien jaf li ma kienx qiegħed in regola, u li ma kellux l-awtorizzazzjoni u l-permessi meħtieġa biex jagħmel dak ix-xogħol. Huwa fatt stabbilit li kull min jaħdem f'Malta jrid ikollu l-permessi neċessarji u l-liċenzji meħtieġa anki sabiex jiġi assigurat li fix-xogħol li jsir, l-individwu la jipperikola saħħtu u lanqas ikun ta' periklu għal terzi. Fil-każ odjern, l-appellant inqabad isuq mutur meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni jagħmel dan, u mingħajr ma sar skrutinju dwar jekk il-liċenzja li kien qiegħed isuq biha hijiex valida għall-użu f'Malta jew le.

14. Il-Qorti tqis għalhekk li ma kien hemm l-ebda applikazzjoni żbaljata tal-liġi min-naħa tal-appellat. Dawk id-dispożizzjoni tal-liġi li huma applikabbli, li għamel aċċenn għalihom il-Bord, kollha japplikaw għaċ-ċirkostanzi odjerni. L-appellant naqas milli juri li huwa kellu mezzi biex jgħajjex lilu nnifsu, tant hu hekk li nqabad jagħmel xogħol li ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni jagħmel. Kien hemm ukoll ksur tar-regolamenti u tad-disposizzjonijiet tal-Att, ladarba l-appellant, wara li wasal Malta, ma ottemperax ruħhu mal-permessi maħruġa lilu, u ddeċieda li jagħmel xogħol li ma kienx awtorizzat jagħmel. L-appellant kien jaf, jew messu kien jaf li ladarba sar skrutinju u eżerċizzju ta' diliġenza dovuta fir-rigward tal-impjieg li huwa kellu jagħmel mal-kumpannija JTI Limited, huwa ma seta' jaħdem ma' ħadd aktar, u speċjalment ma setax jagħmel xogħol li jinvolvi s-sewqan ta' mutur, waqt li jġorr fuqu l-identifikazzjoni ta' ħaddieħor.

Għaldaqstant tqis li  l-ewwel aggravju tal-appellant mhuwiex mistħoqq, u sejra tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju*

15. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant qal li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-provi, u għamel riferiment għal dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn il-Bord qal li l-appellat ipproduċa biżżejjed evidenza li turi li l-appellant inqabad jaħdem bla permess. L-appellant sostna li huwa rrilaxxa stqarrija lill-Pulizija mingħajr ma ngħata l-*caution,* u mingħajr ma ġie mgħarraf bid-dritt li jkun rappreżentat minn avukat, u ma tressqet l-ebda prova mill-appellat li kien hemm ksur tal-artikolu 5(2) (e) u (f) tal-Kap. 217, jew li huwa kiser il-kundizzjonijiet tal-*visa.*

16. Il-Qorti diġà spjegat għal liema raġuni hija tqis li kien hemm ksur mill-appellant tad-disposizzjonijiet imsemmija. Irrispettivament mill-istqarrija rilaxxata mill-appellant lill-uffiċjali tal-Pulizija, kien hemm biżżejjed provi, inkluż ritratti, li juru li l-appellant kien qiegħed jagħmel xogħol bil-mutur tal-kumpannija BOLT, u dan meta l-permess li nħariġlu kien sabiex jagħmel xogħol ma' kumpannija oħra. Dan sar bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 217, għaliex kull min jinħariġlu permess ta' residenza jew ta' xogħol, għandu jagħmel biss dak ix-xogħol li nħareġ il-permess għalih, u l-ebda xogħol ieħor. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment speċifiku għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 32 u 33 tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn jingħad li l-oneru tal-prova li persuna mhijiex immigrant ipprojbit, jaqa' fuq l-appellant u mhux fuq l-appellat. In vista ta' dawn

il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li anki dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u sejra tiċħdu.

*__It-Tielet Aggravju__*

17. Permezz tat-tielet aggravju tiegħu l-appellant qal li fil-każ odjern inkiser il-prinċipju tal-*audi alteram partem,* għaliex huwa ma ngħatax smigħ mill-appellat, minkejja li huwa kien il-parti vulnerabbli f'dawn il-proċeduri. Qal li l-ordnijiet fil-konfront tiegħu ngħataw qabel ma huwa ngħata smigħ, u konsegwenza ta' hekk huwa ser ikollu jħalli Malta b'*entry ban* ta' tliet snin, li matulhom ma jistax jirritorna.

18. Il-Qorti tirrileva illi d-deċiżjonijiet li ttieħdu fil-konfront tal-appellant, huma deċiżjonijiet amministrattivi, li minnhom l-appellant kellu dritt jappella quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, u anki quddiem din il-Qorti. L-appellant kellu l-fakultà li jipprova l-każ tiegħu quddiem il-Bord, u jispjega għal liema raġuni huwa m'għandux jitqies li huwa immigrant ipprojbit. Il-Qorti tirrileva li filwaqt li l-appellant għamel enfasi fuq l-*approval in principle letter* li nħarġet, u fuq il-fatt li huwa wasal Malta bis-saħħa ta' *visa* li nħarġitlu, fl-appell tiegħu quddiem il-Bord, huwa ma qal xejn dwar il-fatt li nstab jaħdem bil-mutur bi profil ta' terz, u meta huwa ma kellu l-ebda permess biex jagħmel dak ix-xogħol. Jirriżulta mill-inkartament esebit, li l-appellant ingħata smigħ mill-Bord li finalment ried jiddeċiedi jekk id-deċiżjoni li ħa l-appellat kienitx skont il-liġi, u kienitx waħda raġonevoli fiċ-ċirkostanzi. Il-Bord kellu quddiemu l-provi kollha, u ddeċieda li l-appellant ma kellux jingħata raġun. L-appellant kellu dritt jappella minn dik id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell quddiem din il-Qorti, fejn il-

Qorti semgħet lill-avukat difensur tal-appellant, u għal darba oħra evalwat il-provi li tressqu quddiem il-Bord. L-artikolu 14 tal-Kap. 217 jirregola l-proċedura li għandha tiġi segwita f'każ li tinħareġ ordni ta' ritorn jew ordni ta' tneħħija fil-konfront ta' xi ħadd, u fil-każ odjern jirriżulta li din il-proċedura ġiet segwita mill-awtoritajiet. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u sejra tiċħdu ukoll.

*__Ir-Raba' Aggravju__*

19. L-appellant jgħid li l-Bord kellu jikkunsidra l-element umanitarju, u kellu jagħti deċiżjoni li tkun raġonevoli u proporzjonata. Qal li qabel ma nħarġet l-*approval in principle letter,* sar skrutinju tiegħu u tal-impjieg li kien ser ikollu f'Malta, u għalhekk għandu jirriżulta li huwa kien jissodisfa r-rekwiżiti kollha sabiex jidħol f'Malta. Qal ukoll li huwa ġie Malta bit-tama ta' ħajja aħjar, u d-deċiżjoni ta' ritorn lilu ser taffettwah ħażin ħafna, partikolarment għaliex huwa mhux ser ikun jista' jidħol lura f'Malta għal perijodu ta' tliet snin.

20. Il-Qorti tirrileva li fil-każ odjern dak li wassal għad-deċiżjonijiet tal-appellat fil-konfront tal-appellant, kien il-fatt li dan inqabad jagħmel xogħol bil-mutur mingħajr permess, fejn anki kien qiegħed jagħmel użu mill-profil ta' persuna oħra li kellha l-awtorizzazzjoni meħtieġa biex tkun tista' tagħmel dak ix-xogħol. F'għajnejn il-Qorti, dan l-aġir huwa wieħed gravi ħafna, mhux biss għaliex sar bi ksur tal-permess li permezz tiegħu l-appellant seta' jaħdem f'Malta, iżda għaliex l-appellant poġġa f'periklu persuni li setgħu kienu għaddejjin mit-triq għall-affari tagħhom meta saq mutur mingħajr ma ġie

stabbilit mill-awtoritajiet jekk il-liċenzja li għandu l-appellant hijiex valida għall-użu f'Malta. Jirriżulta mill-atti li l-appellant ma kellux permess jagħmel kwalunkwe tip ta' xogħol f'Malta, u fil-fatt d-deċiżjoniet li qegħdin jiġu kkontestati ngħataw mill-appellat wara li l-appellant inqabad jagħmel xogħol li ma kellu l-ebda permess biex jagħmel, u dan bi ksur tal-kundizzjonijiet dwar il-wasla u s-soġġorn tiegħu f'Malta. Meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, jirriżulta sodisfatt kemm l-element ta' proporzjon kif ukoll l-element tar-raġonevolezza tad-deċiżjoni li ttieħdet, għaliex għandu jkun evidenti għal kulħadd li l-liġijiet u r-regoli tal-pajjiż qegħdin hemm biex jiġu osservati. L-għoti ta' permess biex wieħed jidħol f'Malta regolarment, huwa biss il-punt tat-tluq, u kull min jgħix jew jaħdem f'Malta huwa mistenni li jibqa' jagħmel dan b'ottemperanza sħiħa mal-liġijiet tal-pajjiż. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u sejra tiċħdu ukoll.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell billi tiċħad l-aggravji mressqa mill-appellant, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**In vista taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**